# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 17 ta' Ottubru 2024**

**Numru 5**

**Rikors Numru 352/2023TA**

**Anthony Mansueto (457261M); Frau Emiliano (224915L); Carmel Lia (697759M); Juanito Zammit (123683M); Bjorn Cassar Simmonds (349981M); Jonathan Farrugia (390176M); Darren Cuschieri (150485M) u Andy Borg (47585M)**
**vs**
**L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta u b'digriet tas-26 ta' Settembru 2023 ġie msejjaħ fil-kawża l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat li l-proċedura li għandha quddiemha hija referenza mill-Qorti tal-Appell inferjuri ai termini tal-artikoli 46(3) u 4(3) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament.

L-ewwel ma din il-Qorti għandha tistabilixxi huwa n-natura ġuridika ta' referenza kemm taħt artikolu 46(3) u anke artikolu 4 tal-Kap 319 tal-liġijiet ta' Malta. Il-Qorti tibda biex tagħmel żewġ osservazzjonijiet preliminari.

L-ewwel, li din il-proċedura tixbaħ ħafna r-referenza lill-Qorti Ewropeja Tal-Ġustizzja kull meta jitqanqal punt dwar l-import u t-tifsira ta' liġi kommunitarja. Hawn ukoll, il-Qrati domestiċi jfittxu gwida ta' kif għandhom jinterpretaw u japplikaw dawn il-liġijiet. It-tieni, il-Qorti li tirċirevi r-referenza tkun marbuta bil-mistoqsijiet li jsirulha mill-Qorti referenti u ma tistax toħroġ barra minnhom, anke jekk jidhrilha li jista' jkun hemm xi ksur ta' xi parti oħra tal-liġi li l-Qorti referenti ma tkunx indikat.

Għalhekk il-Qorti li tirċievi r-referenza għandha jdejha marbutin bil-mistoqsija li ssirilha mill-Qorti li tkun qed tittratta l-każ fil-mertu. Il-Qorti li tittratta r-referenza ma hiex il-Qorti oriġinali li jkun qed jinstema fil-mertu. Fis-**Sentenza mogħtija mill-Onor. Christian Falzon Scerri tas-16 ta' Mejju, 2022 Referenza Kostituzzjonali Nru: 115/2022 fl-ismijiet il-Pulizija -vs- Miloud Elforan** insibu ġabra estensiva tal-elementi ta' dan l-Istitut tal-Liġi.

B'deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tal-5 ta' Ottubru 2022, it-talbiet ta' Anthony Mansueto u oħrajn ġew miċħuda. Fis-17 ta' Ottubru 2022 interponew Appell quddiem il-Qorti tal-Appell Inferjuri u fir-risposta tagħha l-Awtorita' għat-Transport f`Malta preliminarjament eċċepiet, li l-kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtix dritt ta' Appell minn Deċiżjoniet tat-Tribunal

Industrijali minn ilmenti imsejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikoli ċitati minn Anthony Mansueto u oħrajn.

L-argument prinċipali ta' Anthony Mansueto u oħrajn huwa fis-sens li l-fatt li ma hemmx appell minn deċiżjoni bħal din hija bi ksur tad-drittijiet fundementali tagħhom kif ċitati minnhom. Tajjeb li jingħad li dan id-dritt iddaħħal permezz tal-Att XX tal-2022, li pero' ma kienx jeżisti fil-mument li sar l-appell mertu ta' dawn il-proċeduri.

Għalhekk saret ir-referenza kif rilevat aktar 'l fuq.

**Konsiderazzjonijiet fil-mertu**.

Il-Qorti tibda biex qabel xejn tistabilixxi t-*time line* proċedurali u proċesswali.

L-ilment quddiem it-Tribunal Industrijali sar fit-23 ta' April 2019. Is-Sentenza Tat-Tribunal Industrijali ngħatat fil-5 ta' Ottubru 2022. Ir-rikors tal-Appell ġie intavolat fis-17 ta' Ottubru 2022. Fil-21 ta' Ottubru 2022 daħlet ir-risposta tal-Awtorita għall-imsemmi Appell li permezz tagħha eċċepiet li ma kienx hemm appell li sa dak in-nhar kellha raġun.

Meta l-Appell kien għadu pendenti saret il-bidla fil-liġi li jippermetti Appell mill-artikoli 26(1)(b) u 26(2)(b) tal-kap 452. Din il-liġi ġiet fis-seħħ fl-20 ta' Diċembru 2022. Il-Qorti tasal għall-konklużjoni li dan l-Att ġie fis-seħħ f'din id-data għaliex Artikolu 5 tal-Kap 249 jiddisponi hekk :

*"(1) F'dan l-Att, u f'kull Att mgħoddi qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, l-espressjoni "bidu fis-seħħ", meta wżata bħala referenza għall-Att, tfisser iż-żmien li fih l-Att jibda jseħħ.*

*(2) Meta Att tal-Parlament mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta'dan l-Att, jew meta xi ordni, warrant,skema, regola, regolament, bye-law, avviż jew dokument ieħor, magħmula, mogħtija jew maħruġa wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att bis-saħħa ta' xi Att,mgħoddi qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, tkun imfissra li tibda sseħħ f'xi jum partikolari, din għandha tinftiehem li tibda sseħħ minnufih malli jispiċċa l-jum ta' qabel".* (Emfażi tal-Qorti).

Ergo ġaladarba, sa fejn jirrigwarda meta tidħol fis-seħħ liġi, din il-liġi tipprovdi għal dawn il-liġijiet li jkollhom xi provvediment transitorju. In-nuqqas ta' tismija ta' żmien għal-liġijiet oħrajn, il-konsegwenza hija ċara, li dawn jibdew iseħħu minn meta l-President jagħti l-assent tiegħu. F'dan il-każ fl-20 ta' Diċembru 2022. Interpretazzjoni mod ieħor, ikun ifisser li ħafna liġijiet jibqgħu fil-limbu u ma jiġu fis-seħħ qatt.

Fit-8 ta' Mejju 2023, Anthony Mansueto u oħrajn intavolaw rikors għar-referenza odjerna dan meta dak in-nhar il-bidla fil-liġi kienet saret. Fil-5 ta' Lulju 2023 il-Qorti tal-Appell għamlet ir-referenza odjerna kif fuq spjegat.

Issa l-ilment ta' Anthony Mansueto u oħrajn huwa fis-sens li huma ġew imċaħħda mid-dritt ta' Appell, liema dritt issa ingħata fl-20 ta' Diċembru 2022. Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar din il-vertenza u tqies li r-referenza lil din il-Qorti hija waħda intempestiva. Ma tistax twieġeb għall-mistoqsija

magħmula lilha, għaliex qabel, anke fid-dawl tal-introduzzjoni tal-emenda fil-liġi fil-mori tal-proċeduri, għandu jkun deċiż jekk l-appell huwiex null.

F'każ li ma huwiex allura l-proċedura tkompli u f'każ li hu, l-appellanti dejjem ser jibqgħalhom id-dritt li jirrikorru lil din il-Qorti. Il-Qorti ta' l-Appell lanqas ma hi prekluża li minflok tagħti direttivi oħra dwar il-kostituzzjonalita o' meno taċ-ċirkostanzi.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din ir-referenza billi tibgħat lura l-Atti lill-Qorti tal-Appell biex tikkonsidra n-nullita' o meno tal-Appell bir-riservi kollha għal kull azzjoni li jista' jkollhom l-appellanti jekk ikun il-każ jew tagħti dawk id-direttivi oħrajn li jihdru li huma xierqa fiċ-ċirkostanzi.

Spejjes riservati.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**